KUNSILL LOKALI
GĦASRI

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 23**

Il-Hamis, 15 ta' Jannar 2026

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-6:45 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 20A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 23.1 Talba

23.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 23.2 Ittri ta' Apoloġija

23.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 23.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

23.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 20 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 23.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

23.4.1 *Email* mingħand Reġjun Għawdex datata 2 ta' Jannar 2026 rigward *Collaboration on Youth Street Art Project During Easter Recess*. Il-Kunsillera ma ssuġġerewx post.

23.4.2 *Email* mingħand 4sight datata 15 ta' Jannar 2026 rigward Proposta ta' Enċiklopedija Edukattiva għat-Tfal dwar il-Belt/Raħal tagħkom. Il-Kunsilliera qablu li għandha ssir laqgħa magħhom.

23.4.3 *Email* mingħand Reġjun Għawdex datata 19 ta' Diċembru 2025, fejn qed jiġi ndikat li wara li sar rapport mill-Kunsill minħabba bozza numru 146 fi Triq il-Knisja, il-kuntrattur irrimarka li din hija mkissra u li hemm bżonn li tali tinbidel. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-kuntrattur sabiex tali bozza tinbidel.

23.4.4 Is-Sindku rrimarka li hemm problema fi Trejqet Dun Ġużepp Cassar peress li m'hemmx tabella bl-isem tat-triq u għalhekk ir-residenti qed ikollhom problema minħabba l-posta. Il-Kunsilliera qablu li għandha tiġi ordnata tabella bl-isem tat-triq.

23.4.5 Is-Sindku rrimarka wkoll li hemm problema fi Triq ta' Għammar minħabba l-veloċita' eċċessiva li l-karozzi jgħaddu minnha u għalhekk issuġġerixxa li jsiru *speed camera signs*. Il-kunsillirea qablu ma tali suġġeriment.

23.4.6 Is-Sindku għarraf lill-kunsilliera li ser jibgħatu ħaddiem ġdid mal-iskema tal-*Community Workers Scheme.*

## 23.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

23.5.1 Ma kienx hemm domandi.

## 23.6 *Quarterly Reports 1, 2* u *3* tas-sena 2024

23.6.1 Ġew imħejjija l-*quarterly reports* 1, 2 u 3 tas-sena 2024, tali dokumenti ġew imqassma qabel u għalhekk il-kunsilliera kienu diġà rawhom. Il-kunsilliera approvaw tali *quarterly reports.*

## 23.7 *Budget* 2026

23.7.1 Ġie mħejji l-*Budget* għas-sena 2026, tali dokument ġie mqassam qabel u għalhekk il-kunsilliera kienu diġà rawh. Il-kunsilliera approvaw tali *budget*.

## 23.8 Karnival 2026

23.8.1 Il-kunsilliera qablu li l-attivita' tal-karnival għandha tkun nhar is-Sibt 14 ta' Frar 2026 bejn it-3:00pm u l-5:00pm. Bħala attivitajiet ser ikun hemm diversi kompetizzjonijiet u logħob għat-tfal. Għandhom jingħataw premijiet għal kull kategorija.

## 23.9 *Weekend Break* Malta

23.9.1 Il-kunsillier qablu li l-*weekend break* f'Malta għandu jiġi organizzat bejn is-27 ta' Frar 2026 u l-1 ta' Marzu 2026. Il-Kunsilliera qablu wkoll li l-prezz għandu jkun issussidjat mill-Kunsill, b'dana l-prezz għall-kbar jiġi ridott bi €30 u tat-tfal b'€20.

## 23.10 SPI/SCI/10/2025 – Korsijiet *Lifelong Learning* 2026/2027

23.10.1 Ċirkulari datata 30 ta' Diċembru 2025 - SPI/SCI/10/2025 – Korsijiet *Lifelong Learning* 2026/2027. Il-kunsilliera qablu li għandu jinħareġ avviż sabiex in-nies ikunu jistgħu japplikaw għal dawn il-korsijiet – Ganutell, *Crochet* u *Maltese Bobbin Lace Making.* Jekk ikun hemm domanda tajba għal dawn il-korsijiet, il-kunsill għandu jimla l-formola appożita li ntbagħet.

## 23.11 Materji Oħra

23.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li bil-maltemp bozza oħra bin-numru 151 fi Triq il-Ġonna nkissert u għalhekk hemm bżonn li tinbidel ukoll. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-

kuntrattur sabiex tali tinbidel.

23.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka problema fis-sistema li qed tiġi wżata mill-kuntrattur sabiex il-kunsill ikun jista' jirrapporta ħsarat fil-dwal tat-toroq. Huwa saqsa jekk hux ser inkopmlu naħdmu mal-istess kuntrattur jew le. Il-kunsilliera qablu li għandu jibqa' jintuża l-istess kuntrattur.

23.11.3 Resident fi Sqaq il-Knisja rrimarka li hemm wisq dlam f'dak l-isqaq u talab li ssir bozza oħra sabiex tali sqaq ikun aktar aċċessibbli. Il-Kunsilliera qablu li għandha ssir bozza però qabel għandu jiġi mitkellem il-kuntrattur sabiex jiġi vverifikat jekk tali bozza tistax issir.

23.11.4 Resident fi Triq il-Wilġa talab li jikri *ebike*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li ser jivverifika jekk tali resident jikkwalifikax sabiex ikun jista' jingħata *ebike.*

23.11.5 Il-Kunsilliera qablu li nhar il-Ħadd 18 ta' Jannar 2026, il-kunsill għandu jħallas ikla lill-protagonisti li ħadu sehem fil-*play* tal-Milied, b'dana illi m'għandhomx jintefqu aktar minn €25 kull persuna.

23.11.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li rċieva r-risposta relatata mal-applikazzjoni ta' devoluzzjoni. Huwa rrimarka li talbu rekwiżiti oħra.

23.11.7 Resident fi Triq Dun Karm Caruana rrimarka li hemm ħofra quddiem ir-residenza tiegħu u għalhekk talab li din titranġa. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi vverifikat jekk hux xogħol tal-ħaddiema tal-kunsill jew hux tal-kuntrattur.

23.11.8 Resident fi Tejqet San Pupulju rrimarka li hemm rampa u għandha bżonn li titranġa peress li tali rampa mhix qiegħda fi stat tajjeb u għalhekk m'hemmx aċċess għall-għelieqi. Il-kunsilliera qablu li għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex jirranġa tali rampa.

## 23.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

23.12.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-20 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**23.13 Tmiem il-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss**

23.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Frar 2026 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar 2026.

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Segretarju Eżekuttiv**